MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Numru 1284/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**Vs**

**MARK ANTHONY ZAHRA**
**NICHOLAS MEILAQ**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Mark Anthony Zahra ta’ 19 sena, bin Joseph u Margareth nee’ Zahra, imwieled Pieta fil-10 ta’ Dicembru 1990, li joqghod Blk 7A, Flat 6, Triq Pietru Darmenia, Pembroke, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ b’numru 12691(M) u Nicholas Meilaq ta’ 19 sena, bin Leonard u Josephine nee’ Cassar, imwieled Pieta fit-28 ta’ Settembru 1990, li joqghod gewwa fond No 29,

‘Marcarm’, Flat 1, Triq Schembri, Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ b’numru 457990(M).

Billi gew akkuzati talli fl-20 ta’ Dicembru 2004, minn gewwa dawn il-gzejjer:-

1. Ikkommettew serq ta’ zewg ponijiet, ghad-dannu ta’ l-istess sid u cioe Ronald Tonna mill-Hamrun, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u cioe’ li jaccedi €232.94 (mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu) u li izda ma jeccedix €2329.37 (elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu), u bil-mezz u bil-hin u dan bi ksur tal-artikolu 261(b)(c)(f), 263, 267 u 270 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali markat bhala Dok RM5 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputati fl-ezami rispettiv taghhom wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermax l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermax l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difizi rispettivi iddikjaraw li jaqblu li meta sehh ir-reat l-imputati kienu taht l-eta’ ta’ tmintax-il sena u ghaldaqstant japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lil sidha l-ghada tal-kaz.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 31, 37, 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270, 278(3), 279(a) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Mark Anthony Zahra u Nicholas Meilaq, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, li fil-konfront taz-zewg imputati japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lil sidha l-ghada tal-kaz, il-fedina penali tal-imputati, li fil-kaz tal-fedina penali ta' l-imputat Nicholas Meilaq il-Qorti tosserva li hi wahda netta u l-eta' tenera tal-imputati, rigward l-imputat Mark Anthony Zahra tillibera lill-imsemmi imputat Mark Anthony Zahra taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u rigward l-imputat Nicholas Meilaq tillibera lill-imsemmi imputat Nicholas Meilaq taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Mark Anthony Zahra u Nicholas Meilaq l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------